MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Numru 210/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**

**vs**

**Mark Calleja**

**Illum, 30 t'April, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Calleja** ta' 17-il sena, bin Mario u Adelina *nee'* Farrugia, mwieled Pieta' nhar it-30 ta' Settembru, 1986, resisenti Delmar, Triq Iklin, Iklin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 466086M;

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' gewwa "Save & Smile Supermarket", Triq il-Pont, Mosta, nhar is-7 ta' Novembru, 2003, ghall-habta tal-16.00hrs., kkommettejt serq ta' mobile phones li jiswew Lm330, wiehed tal-marka Samsung propjeta ta' Keith Grima detentur tal-karta ta' l-identita' numru 506983M li jiswa Lm250, u iehor tal-marka Panasonic propjeta ta' Robert Buhagiar li jiswa Lm80, u dan is-serq huwa aggravat bil-valur, pesuna, skond l-artikolu 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hi mitluba li jekk jidhrilha xieraq biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Keith Grima I.D. 506983M u ta' Robert Buhagiar I.D. 556384M u ta' Jesmond Sant u jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mark Calleja b'obblikazzjoni tieghu nnifsu tahht penali ta' somma li tigi ffissata mill-Qorti skond l-Art. 383, 384, 385, 386, 387 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u fuq ammissijoni issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 268, 280 tal-Kap 9,

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u tenut kont li ghadu minorenni, bl-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kap 9, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Stante li ma jirrizultax necessarju, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazjoni tal-artikoli 383 sa 387 tal-Kap 9;

Il-Qorti fissret l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------